

Brussell, 28 ta' Jannar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0178(NLE)

5415/1/21
REV 1

PECHE 24

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2021 - Dikjarazzjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin dikjarazzjonijiet mill-Istati Membri.

Dwar żoni magħluqin għas-sajd fiż-żona tal-Pjan Pluriennali għall-Punent tal-Mediterran
(Franza u Spanja)

Il-parir xjentifiku tal-STEFC jirrakkomanda li għall-2021 jiġi adottat tnaqqis tal-isforz sinifikanti u urġenti flimkien ma' miżuri addizzjonali. Il-parir xjentifiku jenfasizza wkoll li l-miżuri ta' ġestjoni diġà fis-seħħ fiż-żona tal-Mediterran tal-Punent mhumiex biżżejjed biex jiżguraw l-irkupru tal-istokkijiet għal-livelli tal-MSY sal-1 ta' Jannar 2025, l-iskadenza legali stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran. Bit-tnaqqis tar-reklutaġġ f'diversi stokkijiet, ir-riskju ta' kollass qatt ma kien oġhla u l-impatti soċjoekonomiċi ta' kollass ikunu drammatiċi.

L-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jkomplu bl-implimentazzjoni effiċjenti tal-miżuri li jinsabu fiż-żoni magħluqin għas-sajd diġà adottati skont l-Artikolu 11 tal-Pjan pluriennali, u li jsegwu l-kalendarju previst, biex jiżguraw l-aħjar protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber, skont il-parir l-aktar reċenti tal-STEFC.

Il-Pjan pluriennali jipprevedi li t-tnaqqis fil-mortalità mis-sajd, meħtieġ biex jinkiseb l-MSY sal-1 ta' Jannar 2025, għandu jinkiseb permezz ta' żewġ għodod - it-tnaqqis fl-isforz tas-sajd u ż-żoni magħluqin għas-sajd. L-Artikolu 11(3) ta' dan ir-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu żoni magħluqin għas-sajd ġodda sas-17 ta' Lulju 2021 biex inaqqsu l-qabdiet tal-ħut li għadu qed jikber u tal-ħut riproduttiv tal-istokkijiet kollha soġġetti għall-Pjan pluriennali, abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli.

L-Istati Membri kkonċernati jirrikonoxxu li tali parir xjentifiku jirrelata mal-eżistenza ta' konċentrazzjonijiet ta' ħut iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni u l-eżistenza ta' żoni ta' tkabbir u ta' riproduzzjoni ta' stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ koperti mill-Pjan pluriennali.

Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jiżguraw, permezz ta' tali għeluq addizzjonali, tnaqqis sinifikanti ta' qabdiet ta' ħut li għadu qed jikber u ħut riproduttiv, skont l-Artikolu 11 u skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.

Fuq bażi regolari, l-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jitttrażmettu lill-Kummissjoni l-valutazzjoni xjentifika tal-implimentazzjoni taż-żoni magħluqin għas-sajd, b'mod partikolari billi jqisu mira ta' tnaqqis ta' bejn 15 u 25 % ta' qabdiet aċċessorji ta' ħut li għadu qed jikber u ta' ħut riproduttiv.

Meta jadottaw għeluq addizzjonali, l-Istati Membri ser iqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-parir tal-STEFC u jipprevjenu kemm jista' jkun l-ispostament tal-isforz madwar iż-żoni magħluqin għas-sajd, jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' żoni magħluqin għas-sajd permanenti u jagħmlu hilitom biex jiproteġu ż-żoni kostali u l-blata kontinentali u fix-xaqliba ta' fuq fejn jinsabu żoni ta' tkabbir u habitats importanti għall-istokkijiet taħt il-Pjan pluriennali.

L-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jippreżentaw id-data kollha disponibbli dwar l-għeluq addizzjonali lill-STEFC sa nofs Frar tal-2021 sabiex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-impatt ta' dan l-għeluq fuq l-istokkijiet ikkonċernati.

Dwar is-sajd rikreattiv fiż-żona tal-Pjan pluriennali għall-Punent tal-Mediterran (Franza u Spanja)

Fejn il-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv qed ikollu impatt sinifikanti fuq il-mortalità mis-sajd tal-istokkijiet skont l-Artikolu 1(2) tal-Pjan pluriennali, l-Artikolu 8(3) tal-Pjan pluriennali jirrikjedi li l-Istati Membri, fl-2021, jieħdu l-miżuri kollha neċessarji u proporzjonati għall-monitoraġġ u l-għbir tad-data għal stima affidabbli tal-livelli proprji tal-qabdiet rikreattivi.

L-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jippreżentaw id-data kollha disponibbli dwar is-sajd rikreattiv lill-STEFC sa nofs Frar tal-2021 sabiex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-impatt ta' dan is-sajd fuq l-istokkijiet ikkonċernati.

Dwar is-selettività tal-irkaptu fiż-żona tal-Pjan pluriennali għall-Punent tal-Mediterran
(Franza u Spanja)

Il-parir xjentifiku tal-STEFC jirrakkomanda li għall-2021 jiġi adottat tnaqqis tal-isforz sinifikanti u urġenti flimkien ma' miżuri addizzjonali, bħal per eżempju:

- L-adozzjoni ta' malja kwadra ta' 50 mm għas-sajd fil-baħar fond;
- L-adozzjoni ta' malja kwadra ta' 40 mm meta l-iskampu jkun il-mira ewlenija;
- L-adozzjoni ta' malja T90 ta' 40 mm biex jitnaqqsu l-qabdiet ta' merluzz u ta' trilja tal-ħama ta' daqs żgħir.

Barra minn hekk, ser ikompli jsir aktar sforz xjentifiku sabiex jiġu identifikati miżuri tekniċi oħra li jistgħu jiġu implimentati fil-futur.

Sabiex tiġi offruta l-aħjar protezzjoni lill-ħut li għadu qed jikber u biex l-istokkijiet elenkati fil-Pjan pluriennali jkunu jistgħu jirkupraw, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-urġenza biex tittejjeb is-selettività tal-irkaptu użat għas-sajd għal dawn l-istokkijiet.

L-Artikolu 7.3.b tar-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran jipprevedi li t-tnaqqis fl-isforz tas-sajd jista' jiġi ssupplimentat bi kwalunkwe miżura teknika jew miżura oħra ta' konservazzjoni rilevanti adottata f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, sabiex jinkiseb il-Fmsy sal-1 ta' Jannar 2025.

L-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jippreżentaw lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju 2021, l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti għas-selettività tal-irkaptu fiż-żona koperta mill-Pjan pluriennali skont l-Artikolu 13 tal-Pjan pluriennali għall-Mediterran tal-Punent u skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-Mediterran.

Dwar l-isforz tas-sajd fil-kuntest tal-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran (l-Italja)

L-Italja timpenja ruħha li għall-2021 tintroduċi fil-Pjan Nazzjonali ta' Ġestjoni tagħha tnaqqis tal-isforz tas-sajd ta' 10 % meta mqabbel mal-linja bażi mill-Pjan Pluriennali għall-Mediterran tal-Punent, li għandu jitnaqqas mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit għall-2020 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 kif ġej:

Fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar Ligurjan, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja (is-subżoni ġeografiċi 8-9-10-11)

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	IT
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 9-10-11; il-gamblu abjad fis-subżoni ġeografiċi 9-10-11; l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi 9 u 10.	< 12-il metru	2739
	≥ 12-il metru u < 18-il metru	41200
	≥ 18-il metru u < 24 metru	27707
	≥ 24 metru	3698

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	IT
Il-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11.	< 12-il metru	453
	≥ 12-il metru u < 18-il metru	3342
	≥ 18-il metru u < 24 metru	2691
	≥ 24 metru	360